**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 39

It-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-2.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Etienne Bonello du Puis, Sindku San Gwann u s-Sur Anthony Dalli, Sindku Iklin.

Is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex, is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera u s-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta` infurmaw li kienu xoghol u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 38 li saret nhar l-Erbgha, 24 ta' Settembru, 2013, kienu approvati unanimament.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Servizz ta' Prosekutur***

l-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li s-sejha ghall offerti li nharget mir-Regjun tat-Tramuntana ghal dan is-servizz hija sospiza u ghalhekk qabel tinhareg is-sejha minn dan ir-Regjun ikun ghaqli li r-Regjun jistenna l-ezitu tas-sejha fir-Regjun Tramuntana.

***Il-Kuntratt ma' Datatrak***

Datatrak baghtet lir-Regjun tabella kif qed tipproponi li jigu mhallsa ir-*refunds* dovuti lilu. Qed jigi propost li dawn isiru fuq perjodu ta' sentejn. Is-Sur Dalli qal li dan huwa perjodu pjuttost twil u ghalhekk ippropona li ghandu jigi nnegozjat li dan ir-*refund* isir fi zmien sena. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

## HATRA TA' VICI PRESIDENT

Wara l-elezzjonijiet ta' l-AKL, fejn gie elett bhala President tar-Regjun, is-Sur Peter Bonello, jinhtieg issir elezzjoni ghal kariga ta' Vici President.

Is-Sur Joe Camilleri kien propost mis-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai u sekondat mis-Sur Peter Bonello filwaqt li s-Sur Stefan Cordina kien propost mis-Sur Anthony Dalli u sekondat mis-Sur Anthony Chircop.

F'din l-elezzjoni, is-Sur Joe Camilleri kiseb zewg (2) voti filwaqt li s-Sur Stefan Cordina kiseb hames (5) voti. B'hekk is-Sur Stefan Cordina gie dikjarat Vici President tar-Regjun.

Il-President irringrazzja lis-Sur Joe Camilleri tax-xoghol tieghu bhala Vici President tar-Regjun u awgura lis-Sur Stefan Cordina fil-hatra gdida tieghu. Huwa qal li f'dan ir-Regjun qatt ma kien hemm problemi u awgura li l-affarijiet ikomplu mexjin hekk. Kien hemm qbil unanimu ma' dak espress mill-President.

## KORRISPONDENZA

- Tressqet *e mail* mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard dwar talba ghal gwardjan lokali waqt il-hin tal-bidu u tmiem ta' l-iskola tal-Gvern minhabba li mhux dejjem qieghed ikun hemm Pulizija. Is-Sur Stefan Cordina kkonferma li l-Pulizija mhux qed imorru hdejn l-iskola.

Il-Kumitat qabel mal-proposta tas-Sur Joe Camilleri sabiex ir-Regjun jikteb lill-Kummissarju u lill-Assistent Kummissarju u jinfurmahom li mhux qed ikun hemm Pulizija ma' l-iskola ta' H'Attard biex dawn jinzammu responsabbli jekk ikun hemm incident fuq xi tfal. Ghandu jigi mfakkar li l-iskejjel ta' l-istat huma responsabbilta` tal-Pulizija.

- Is-Sur Anthony Dalli qal li l-Kunsill Lokali ta' l-Iklin ghandu pressjoni minn xi residenti ta' Triq il-Wied li minnha qeghdin jghaddu numru kbir ta' ingenji kbar meta dan mhux suppost. Ghalhekk talab li tizdied il-prezenza tal-gwardjani f'din it-triq specjalment fil-hinijiet ta' filghodu. Kien hemm qbil li din it-talba tigi riferita lill-Authorised Officer.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

*Post ghar-Regjun*
Il-President ippropona li s-sotto kumitat mahtur dwar dan is-suggett, jibda jara l-postijiet li dahhlu mis-sejha ghal espressjoni ta' interess. L-Agent Segretarju Ezekuttiv fakkar li r-Regjun ghadu qed jistenna l-parir legali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk ghandux jipprocedi b'dan.

Is-Sur Etienne Bonello du Puis qal li f'post gdid, ghandu jkun hemm parkegg facli ghan-nies li jigu jaghmlu uzu mit-Tribunal.

*Il-hin tal-laqghat tar-Regjun*
L-Agent Segretarju Ezekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat e mail mis-Sur Stephen Sultana, Sindku ta' Sta. Venera dwar il-problema tieghu li ma jistghax jattendi laqghat fis-2.30pm minhabba x-xoghol. Il-membri prezenti qablu li fis-2.30 pm kien l-ahjar hin ghalihom u dawk li ma setghux jattendu ghandhom jibghatu lis-sostitut ghal dawn il-laqghat.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Ma kienx hemm il-htiega ta' din l-iskeda.

**TMIEM**

Fit-3.30pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar il-Hamis, 28 ta' Novembru, 2013 fis-2.30pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President